

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

*Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali*

PROVIŻORJU  
2004/0165(COD)

11.3.2005

## **ABBOZZ TA' OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew  
(COM(2004)0493 – C6-0090/2004 – 2004/0165(COD))

Rapporteur ta' opinjoni: Elisabeth Schroedter

PA\_Leg

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) hu, kif indikat fl-Artikoli 3(j) u 146 tat-Trattat KE, l-istrument tal-politika soċjali u ta' l-impjiegi Ewropea. Imma, min-naħa tal-politika reġjonali, l-FSE ma jistax jkun separat mill-għan ta' koeżjoni soċjali u ekonomika mfisser fl-Artikolu 158 tat-Trattat. Fl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni għar-Regolament il-ġdid ta' l-FSE<sup>1</sup> r-rapporteur ta' opinjoni qed tfittex li jintlaħqu dawn l-għanijiet:

1. **L-FSE trid tkun aktar flessibbli fil-mod kif tkun applikata.** Fil-proposta tal-Kummissjoni l-FSE hi marbuta biss ma' l-Istrateġija ta' Impjiegi Ewropea (SIE). Imma l-adeżjoni ekonomika u soċjali tiddependi mis-sitwazzjoni applikabbli fir-reġjun ikkonċernat. L-utilizzar ta' l-FSE jrid jingħata flessibilità suffiċjenti, flimkien marreferenza għall-pjan dwar l-impjiegi nazzjonali, biex ikun żgurat li l-FSE jkun jista' jlaħħaq ma' partikularitajiet reġjonali.
2. **L-FSE għandu funzjoni importanti fis-soluzzjoni ta' problemi soċjali f'żoni urbani.** Din il-funzjoni tmur lil hinn mill-Fond għall-Iżvilupp Reġjonali Ewropew (FŻRE)<sup>2</sup> u mill-possibiltà ta' ffinanzjar inkroċjat tal-fondi, skond kif previst mill-Artikolu 33 tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali<sup>3</sup>. L-FSE irid ikollu wkoll dimensjoni lokali.
3. **Irid jingħata kas ta' inizjattivi lokali dwar l-impjiegi u tal-patti dwar l-impjiegi territorjali.** Huma taw prova ta' xi jsarrfu fil-qasam ta' l-integrazzjoni soċjali u tal-possibiltà ta' persuni żvantaġġati li jsibu impjieg u fl-imgħoddi rċevew inkoraġġiment (Regolament (KE) Nru 1784/1999, Artikolu 2(2)(a)).
4. **M'għandux ikun hemm konfużjoni bejn il-parteciċipazzjoni fil-prinċipju ta' sħubija u l-funzjoni ta' l-isponser tal-proġett.** L-Artikolu 5 tar-regolament irid jiċċara, filwaqt li jagħti kas ta' l-Artikolu 146 tat-Trattat KE, li l-imsieħba soċjali qed jingħataw għajjnuna għaliex jenħtiġilhom jieħdu sehem fil-proċess ta' partiċipazzjoni. Dan hu speċjalment importanti fl-għaxar Stati Membri l-ġodda. Iżda meta jkunu sponsers ta' proġett din tirrigwarda miżuri stipulati fl-Artikolu 3 tar-Regolament FSE.
5. **Rispett lejn il-valur miżjud Ewropew!** Ir-rapporteur ta' opinjoni hawnhekk taqbel ma' approċċ pożittiv. Il-valur miżjud Ewropew għandu jkun ippremjat b'fondi Ewropej f'miżuri innovattivi kif ukoll f'miżuri trans-nazzjonali u inter-reġjonali.
6. **EQUAL għandha tkun integrata għal kollox fil-'mainstream' ta' l-FSE.** Il-Kummissjoni ġġustifikat it-tnaqqis f'inizjattivi komunitarji permezz ta' l-argument li hi kienet inkorporat għal kollox l-oportunitajiet tagħha ta' support fil-'mainstream' tal-fondi. Wara li investigat, ir-rapporteur ta' opinjoni sabet li dan kien ġara biss f'xi każi.

<sup>1</sup> Ir-'Regolament FSE' qed tintuża hawnhekk għall-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew (COM(2004)0492).

<sup>2</sup> COM(2004)0495, Artikolu 8.

<sup>3</sup> 'Dispożizzjonijiet Ġenerali' qed tintuża hawnhekk għall-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jstipula dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Iżvilupp Reġjonali Ewropew, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni (COM(2004)0492).

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jitlob lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora dawn l-emendi fir-rapport tiegħu:

### Test propost mill-Kummissjoni

### Emendi mill-Parlament

#### Emenda 1 Premessa 3

L-FSE għandu jagħti appoġġ lill-politiki ta' l-Istati Membri li jkunu jaqblu ħafna mal-linji gwida u mar-rakkomandazzjonijiet imfassla skond l-Istrateġija ta' l-Impjiegi Ewropea u ma' l-oġettivi tal-Komunità li dwarhom kien hemm qbil fir-rigward ta' l-inklużjoni soċjali, l-edukazzjoni u t-taħriġ biex jagħti kontribut aħjar fl-implimentazzjoni ta' l-oġettivi u l-miri li dwarhom kien hemm qbil fil-Kunisilli Ewropej ta' Liżbona u Göteborg.

L-FSE għandu jagħti appoġġ lill-politiki ta' l-Istati Membri li jkunu jaqblu ħafna mal-linji gwida u mar-rakkomandazzjonijiet imfassla skond l-Istrateġija ta' l-Impjiegi Ewropea u ma' l-oġettivi tal-Komunità li dwarhom kien hemm qbil fir-rigward ta' l-inklużjoni soċjali, l-edukazzjoni u t-taħriġ, **skond il-kunċett ta' edukazzjoni għal matul il-ħajja, inkluża l-opportunità għal aktar taħriġ fuq il-post tax-xogħol u attenzjoni partikulari għat-taħriġ inizjali**, biex jagħti kontribut aħjar fl-implimentazzjoni ta' l-oġettivi u l-miri li dwarhom kien hemm qbil fil-Kunisilli Ewropej ta' Liżbona u Göteborg.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Il-kunċett ta' taħriġ hu ddefinit b'modi differenti fl-Istati Membri, jew ristrett għal fażi edukattiva waħda. Il-koeżjoni territorjali għandu jkollha l-għan li tissapportja t-tagħlim għal matul il-ħajja, bħala l-approċċ modern għat-taħriġ, f'reġjuni periferiċi kif ukoll f'postijiet oħra.*

#### Emenda 2 Premessa 4

Bil-ħsieb li l-bidla tkun antiċipata u mmaniġġjata aħjar skond l-oġettiv tal-kompettitività u ta' l-impjiegi, l-assistenza mill-FSE għandha tiffoka, b'mod partikulari fuq it-tijib fil-mod kif jadattaw irwieħhom il-ħaddiema u l-intrapriżi, fuq it-tiħiħ ta' l-aċċess għall-impjiegi u l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, fuq it-tiħiħ ta' l-inklużjoni

Bil-ħsieb li l-bidla tkun antiċipata u mmaniġġjata aħjar skond l-oġettiv tal-kompettitività u ta' l-impjiegi, l-assistenza mill-FSE għandha tiffoka, b'mod partikulari fuq it-tijib fil-mod kif jadattaw irwieħhom il-ħaddiema u l-intrapriżi, fuq it-tiħiħ ta' l-aċċess għall-impjiegi u l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, fuq it-tiħiħ ta' l-inklużjoni

<sup>1</sup> Not yet published in OJ.

soċjali ta' persuni żvantaġġjati, fuq il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, fuq il-promozzjoni ta' 'partnerships' għar-riforma.

soċjali ta' persuni żvantaġġjati **u l-aċċess tagħhom għall-impjeg**, u fuq il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, **u dan skond l-Artikolu 13 tat-Trattat KE u l-linji gwida kontra l-antidiskriminazzjoni ta' l-UE msejsa fuq l-istess Artikolu**, fuq il-promozzjoni ta' 'partnerships' għar-riforma.

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-ewwel parti: l-inklużjoni soċjali trid tinkludi wkoll miżuri ta' sapport biex jgħinu lil persuni żvantaġġjati jsibu x-xogħol (ara wkoll l-Emendi 9, 11, u 26).*

*It-tieni parti: 'il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni' trid tintrabat mill-qrib ma' l-Artikolu 13 tat-Trattat KE.*

#### Emenda 3

##### Premessa 4 a (ġdida)

***Huwa prinċipju tas-sapport ta' l-FSE li l-miżura trid f'kull każ tagħti kontribut biex tittejjeb il-qagħda tal-persuna involuta f'dak li jikkonċerna l-kwalità tal-post tax-xogħol tagħha u s-sitwazzjoni tax-xogħol tagħha, il-kwalifiki, l-inklużjoni sostenibbli, is-sigurtà soċjali, id-dritt għal pensjoni u l-ħarsien ta' l-għajxien tagħha (li l-qagħda tagħha ma tmurx għall-aġar).***

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-idea hi li jkun assigurat li l-FSE jintuża biss biex ikun hemm titjib fil-qasam ta' l-impjegi u biex tittejjeb l-impresjoni tal-pubbliku dwar ir-reġjuni effettwati u mmarkati minn devjazzjoni min-norma.*

#### Emenda 4

##### Premessa 6

Il-promozzjoni ta' attivitajiet innovattivi u tal-koperazzjoni trans-nazzjonali hija dimensjoni fundamentali li għandha tkun integrata fl-għan ta' l-FSE.

Il-promozzjoni ta' attivitajiet innovattivi u tal-koperazzjoni trans-nazzjonali **jew inter-reġjonali** hija dimensjoni fundamentali li għandha tkun integrata fl-għan ta' l-FSE. ***Għal attivitajiet bħal dawn is-sehem ta' l-FSE għandu jittella' għal 85%. Il-miżuri ta' koordinazzjoni fil-qafas tal-koperazzjoni trans-nazzjonali u inter-reġjonali***

**għandhom jkunu ffinanzjat 100% mill-FSE.**

*Ġustifikazzjoni*

*Il-valur miżjud Ewropew miksub minn dawn l-attivitajiet għandu jkun ippremjat permezz ta' livell għoli ta' sapport adegwat. L-infiq ta' koordinazzjoni għandu jkun issapportjat mija fil-mija għaliex fil-fatt hu ekwivalenti għal 'għajjnuna teknika'.*

Emenda 5

Premessa 7

Hu meħtieġ li jiġi żgurat li jkun hemm koerenza ta' l-azzjoni ta' l-FSE mal-politiki pprovduti skond l-Istrateġija ta' l-Impjiegi Ewropea u li s-sapport ta' l-FSE jkun ikkonċentrat fuq l-implimentazzjoni tal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet dwar l-impjiegi.

Hu meħtieġ li jiġi żgurat li jkun hemm koerenza ta' l-azzjoni ta' l-FSE mal-politiki pprovduti skond l-Istrateġija ta' l-Impjiegi Ewropea u li s-sapport ta' l-FSE jkun ikkonċentrat fuq l-implimentazzjoni tal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet dwar l-impjiegi. ***L-FSE jista' wkoll jissapportja attivitajiet li jmorru lil hinn mill-pjan ta' l-impjiegi nazzjonali, jekk dawn ikun meħtieġa minħabba partikularitajiet reġjonali u lokali u jekk, bħala riżultat ta' l-oġettivi ta' Liżbona dwar l-impjiegi, l-inklużjoni soċjali u l-koeżjoni soċjali jkunu jistgħu jitwettqu aħjar.***

*Ġustifikazzjoni*

*Għal raġunijiet marbuta mal-politika reġjonali, il-fondi strutturali għandhom ikunu flessibbli biex ikunu jistgħu jaqdu partikularitajiet lokali u reġjonali. Ara r-reżoluzzjoni tal-Parlament fuq it-Tielet Rapport ta' Koeżjoni (P5\_TA(2004)0368, paragrafu 36).*

Emenda 6

Premessa 7 a (ġdida)

***(7a) L-utilizzar ta' l-FSE għandu wkoll jgħin biex ikun żgurat li l-effetti tas-sinerġija jibdew jinħassu billi jiżdiedu ma' għajjnuna minn fondi oħra, bħala parti minn strateġija ġenerali integrata għal żvilupp reġjonali sostenibbli.***

## *Ġustifikazzjoni*

*Bi qbil ma' l-approċċ fl-Emendi 5 u 15 u mal-ġustifikazzjonijiet tagħhom.*

### Emenda 7

Premessa 7 b (ġdida)

***(7b) Attivitàjiet ta' l-FSE għandhom ikunu ssupportjati minn miżuri nazzjonali skond il-pjan ta' l-impjiegi nazzjonali. Dawn il-miżuri jistgħu wkoll ikunu għajnuniet statali taħt l-intestaturi 'adattabilità' u 'inklużjoni soċjali'.***

## *Ġustifikazzjoni*

*L-għan hawnhekk hu li wieħed jirreferi għall-ħtieġa ta' għajjnuna statali bħala support individwali għal miżuri ta' politika strutturali.*

### Emenda 8

Premessa 9

L-Istati Membri u l-Kummissjoni jridu jiżguraw li l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet iffinanzjati mill-FSE skond l-Objettivi tal-Konverġenza u l-Kompetittività Reġjonali u l-Impjiegi tagħti kontribut lill-promozzjoni ta' l-ugwaljanza u ta' l-eliminazzjoni tan-nuqqas ta' ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa; approċċ ta' 'gender mainstreaming' għandu jkun ikkombinat ma' azzjoni speċifika biex tiżdied il-parteċipazzjoni sostenibbli u l-progress tal-mara fix-xogħol.

L-Istati Membri u l-Kummissjoni jridu jiżguraw li l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet iffinanzjati mill-FSE skond l-Objettivi tal-Konverġenza u l-Kompetittività Reġjonali u l-Impjiegi tagħti kontribut lill-promozzjoni ta' l-ugwaljanza u ta' l-eliminazzjoni tan-nuqqas ta' ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa; approċċ ta' 'gender mainstreaming' għandu jkun ikkombinat ma' azzjoni speċifika biex tiżdied il-parteċipazzjoni sostenibbli u l-progress tal-mara fix-xogħol. ***Dawn il-miżuri għandhom, irrISPettivament mil-linji gwida tal-politika ta' l-impjiegi tas-SIE, ikunu ċentru indipendenti tal-programmi operattivi.***

## *Ġustifikazzjoni*

*Ara wkoll il-ġustifikazzjoni għall-Emenda 5. Ir-risoluzzjoni tal-Parlament fuq opportunitajiet indaqs għall-irġiel u n-nisa u l-Fondi Strutturali (P5\_TA(2003)0093, paragrafu 2) tapplika wkoll.*

Emenda 9  
Artikolu 2, paragrafu 1

1. L-FSE se ssaħħaħ il-koeżjoni ekonomika **u** soċjali billi tissapportja l-politiki ta' l-Istati Membri li għandhom l-għan li jkun hemm okkupazzjoni sħiħa, li jtejbu l-kwalità u l-produttività fix-xogħol u li jippromwovu l-inklużjoni soċjali u t-tnaqqis ta' disparitajiet okkupazzjonali reġjonali.

**B'mod partikulari**, l-FSE se jissapportja azzjoni li taqbel mal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet adottati skond l-Istrateġija ta' l-Impjegi Ewropea.

1. L-FSE se ssaħħaħ il-koeżjoni ekonomika **u** soċjali billi tissapportja l-politiki ta' l-Istati membri li għandhom l-għan li jkun hemm okkupazzjoni sħiħa, li jtejbu l-kwalità u l-produttività fix-xogħol u li jippromwovu l-inklużjoni soċjali, **inkluż it-titjib fl-aċċess għall-impjeg fil-każ ta' persuni żvantaġġjati**, u t-tnaqqis ta' disparitajiet okkupazzjonali reġjonali **u lokali**.

Bi **qbil ma' l-Artikolu 4 (1) ta' dan ir-Regolament** l-FSE se jissapportja azzjoni li taqbel mal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet adottati skond l-Istrateġija ta' l-Impjegi Ewropea.

*Ġustifikazzjoni*

*Parti 1: ara wkoll ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament fuq it-Tielet Rapport ta' Koeżjoni (P5\_TA(2004)0368, paragrafu 2.*

*Parti 2: ara wkoll l-Emendi 2, 11 u 26 u l-ġustifikazzjonijiet tagħhom.*

Emenda 10  
Artikolu 2, paragrafu 2

2. Fit-twettiq tax-xogħol imsemmi fil-paragrafu 1, l-FSE se tissapportja l-prijoritajiet tal-Komunità fir-rigward tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali, li tittejjeb il-kompetittività u li ssir promozzjoni ta' tkabbir ekonomiku li jkun sod fuq livell ambjentali. B'mod partikulari, hu se jagħti kas ta' l-oġettivi tal-Komunità fl-oqsma ta' l-inklużjoni soċjali, ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ u ta' l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.

2. Fit-twettiq tax-xogħol imsemmi fil-paragrafu 1, l-FSE se tissapportja l-prijoritajiet tal-Komunità fir-rigward tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali, li tittejjeb il-kompetittività u li ssir promozzjoni ta' tkabbir ekonomiku li jkun sod fuq livell ambjentali. B'mod partikulari, hu se jagħti kas ta' l-oġettivi tal-Komunità fl-oqsma **tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni**, ta' l-inklużjoni soċjali, ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ u ta' l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.

*Ġustifikazzjoni*

*Iż-żieda hi ġġustifikata biex ikun żgurat li l-għan ta' EQUAL ikun inkorporat għal kollox fil-'mainstream' tar-Regolament FSE.*



Emenda 11  
Artikolu 3, paragrafu 1, punt (c) (i)

(i) possibiltajiet għal integrazzjoni fl-impjieg għal persuni żvantaġġjati, persuni li huma emarġinati soċjalment, studenti li jitolqu l-iskola kmieni, u persuni b'diżabilità permezz ta' miżuri biex ikun pprovdut impjieg, anke fis-settur ta' l-ekonomija soċjali, miżuri ta' akkumpanjament u servizzi relattivi ta' għajnuna u assistenza.

(i) possibiltajiet għal integrazzjoni fl-impjieg għal persuni żvantaġġjati ***b'titjib fil-possibiltà li huma jsibu impjieg***, persuni li huma emarġinati soċjalment, studenti li jitolqu l-iskola kmieni, minoranzi, ***persuni li qed ifittxu kenn*** u persuni b'diżabilità permezz ta' miżuri biex ikun pprovdut impjieg, anke fis-settur ta' l-ekonomija soċjali, miżuri ta' akkumpanjament u servizzi relattivi ta' għajnuna u assistenza.

*Ġustifikazzjoni*

*Parti 1: ara wkoll l-Emendi 2, 9 u 26 u l-ġustifikazzjonijiet tagħhom.*

*Parti 2: EQUAL kellha taqsima separata fuq il-persuni li qed ifittxu kenn (ara l-linji gwida ta' l-EQUAL, ĠU C, 127, 5.5.2000, p. 2, punt 19).*

Emenda 12  
Artikolu 3, paragrafu 1, punt (c) (ii)

(ii) id-diversità fuq il-post tax-xogħol u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fl-evalwazzjoni tas-suq ta' l-impjiegi permezz ta' miżuri li jqajmu kuxjenza u l-involvement tal-komunitajiet u l-intrapriżi lokali

(ii) id-diversità fuq il-post tax-xogħol u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fl-evalwazzjoni tas-suq ta' l-impjiegi permezz ta' miżuri li jqajmu kuxjenza u l-involvement tal-komunitajiet u l-intrapriżi lokali ***u inizjattivi ta' żvilupp lokali bħal fil-każ tal-proġetti urbani soċjali.***

*Ġustifikazzjoni*

*Tinkorpora d-dimensjoni lokali u taqbel ma' l-Emenda 5.*

Emenda 13  
Artikolu 3, paragrafu 1, punt (d)

jingħata bidu għar-riformi fl-oqsma ta' l-impjieg u ta' l-inklużjoni, b'mod partikulari billi jingħata inċentiv lill-iżvilupp ta' 'partnerships' u ta' patti permezz tan-'networking' ta' mseħbin relevanti f'livell

jingħata bidu għar-riformi fl-oqsma ta' l-impjieg u ta' l-inklużjoni, b'mod partikulari billi jingħata inċentiv lill-iżvilupp ta' 'partnerships' u ta' patti permezz tan-'networking' ta' imseħbin relevanti f'livell

nazzjonali, reġjonali u lokali.

nazzjonali, reġjonali u lokali, **bħal ma huma l-imsieħba soċjali u organizzazzjonijiet mhux governattivi, speċjalment dawk fl-oqsma ta' l-inklużjoni soċjali u ta' l-opportunitajiet indaqs għall-irġiel u n-nisa, ta' inizjattivi lokali li jikkonċernaw l-impjiegi u patti territorjali dwar l-impjiegi.**

#### *Ġustifikazzjoni*

*Parti 1 tmur ma' l-Emendi għall-Artikolu 5. L-għan hu li jkun hemm separazzjoni stretta bejn il-funzjoni ta' imseħbin soċjali, għal dak li jirrigwarda mal-prinċipju ta' partiċipazzjoni tal-Fond, u l-partiċipazzjoni tagħhom fi proġetti ffinanzjati mill-FSE. Parti 2 taqbad ir-Regolament (KE) Nru 1784/1999, Artikolu 2(2)(a).*

#### Emenda 14 Artikolu 3, paragrafu 3

3. Fl-implimentazzjoni ta' l-oġġettivi u tal-prijoritajiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, l-FSE se tissapportja l-promozzjoni u l-'mainstreaming' ta' attivitajiet innovattivi kif ukoll il-koperazzjoni **trans-nazzjonali** u inter-reġjonali, esperjenzi, riżultati u prattiki tajbin u l-iżvilupp ta' strateġiji komplimentari u ta' strateġiji ta' azzjoni kkoordinata u kollettiva.

3. Fl-implimentazzjoni ta' l-oġġettivi u tal-prijoritajiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, l-FSE se tissapportja l-promozzjoni u l-'mainstreaming' ta' attivitajiet innovattivi **bħala miżura separata** kif ukoll il-koperazzjoni **trans-nazzjonali** u inter-reġjonali, esperjenzi, riżultati u prattiki tajbin u l-iżvilupp ta' strateġiji komplimentari u ta' strateġiji ta' azzjoni kkoordinata u kollettiva.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Meħtieġa għal raġunijiet tekniċi sakemm ir-rapporteur ta' opinjoni jidhrilha li jkun hemm bżonn ta' parteċipazzjoni akbar mill-UE għal miżuri innovattivi.*

#### Emenda 15 Artikolu 4, paragrafu 1

1. L-Istati Membri u l-awtoritajiet li jimmaniġġjaw għandhom jiżguraw li l-azzjoni ssapportjata mill-FSE tkun konsistenti ma' u tišhaqq fuq l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija ta' l-Impjiegi Ewropea. B'mod partikulari, għandhom jiżguraw li l-azzjoni stipulata fil-qafas ta' referenza strateġiku u fil-programmi operattivi jippromwovu l-

1. L-Istati Membri u l-awtoritajiet amministrattivi għandhom jiżguraw li l-azzjoni ssapportjata mill-FSE tkun konsistenti ma' u tišhaqq fuq l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija ta' l-Impjiegi Ewropea. B'mod partikulari, għandhom jiżguraw li l-azzjoni stipulata fil-qafas ta' referenza strateġiku u fil-programmi operattivi jippromwovu l-

objettivi, il-prijoritajiet u l-miri ta' l-Istrateġija f'kull Stat Membru u jikkonċentraw is-sapport b'mod partikulari fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet magħmula skond l-Artikolu 128 (4) tat-Trattat kif ukoll ta' l-objettivi rilevanti tal-Komunità fil-qasam ta' l-inklużjoni soċjali.

objettivi, il-prijoritajiet u l-miri ta' l-Istrateġija f'kull Stat Membru u jikkonċentraw is-sapport b'mod partikulari fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet magħmula skond l-Artikolu 128 (4) tat-Trattat kif ukoll ta' l-objettivi rilevanti tal-Komunità fil-qasam ta' l-inklużjoni soċjali. ***L-FSE jista' wkoll jissapportja miżuri li jmorru lil hinn mill-pjan ta' l-impjegi nazzjonali, jekk dawn ikunu meħtieġa minħabba partikularitajiet reġjonali u lokali u jekk, bħala riżultat ta' l-objettivi ta' Liżbona dwar l-impjegi, l-inklużjoni soċjali u l-koeżjoni soċjali jkun jistgħu jitwettqu aħjar.***

#### *Ġustifikazzjoni*

??

#### Emenda 16 Artikolu 5, paragrafu 3

3. L-awtoritajiet amministrattivi ta' kull programm operattiv għandhom jinkuraġġixxu partċipazzjoni xierqa u jagħtu aċċess lill-imsieħba soċjali għal attivitajiet ifffinanzjati skond l-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament.

Skond l-objettiv ta' '*Konverġenza*', mill-inqas 2% tar-riżorsi ta' l-FSE għandhom jiġu allokati lit-trawwim tal-kapaċità u lil attivitajiet li jsiru bi sħab mill-imsieħba soċjali, b'mod partikulari għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-adattabilità tal-ħaddiema u ta' l-intrapriżi msemmija fl-**Artikolu 2 (1) (a)**.

3. L-awtoritajiet amministrattivi ta' kull programm operattiv għandhom jinkuraġġixxu partċipazzjoni xierqa mill-imsieħba soċjali ***Fi ħdan il-qafas ta' l-FSE l-imsieħba soċjali għandhom, permezz ta' taħriġ u miżuri ta' 'networking', jingħataw il-faċilità li jagħmlu użu sħiħ mid-drittijiet tagħhom ta' parteċipazzjoni.***

***L-imsieħba soċjali se jkollhom id-dritt li jsiru jafu liema miżuri prattiċi qed jiġu ffinanzjati.***

Skond l-objettiv ta' '*Konverġenza*', mill-inqas 2% tar-riżorsi ta' l-FSE għandhom jiġu allokati lit-trawwim tal-kapaċità, ***lil miżuri ta' taħriġ u ta' 'networking'***, u lil attivitajiet li jsiru bi sħab mill-imsieħba soċjali, b'mod partikulari ***biex jissaħħaħ id-djalogu soċjali*** f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-adattabilità tal-ħaddiema u ta' l-intrapriżi msemmija fl-**Artikolu 3 (1) (a)**.

## Ġustifikazzjoni

*Din għandha l-għan li tiċċara l-kelma 'aċċess'. L-Artikolu 5 jservi biss biex il-prinċipju ta' parteċipazzjoni jkun irrealizzat. Għal raġunijiet marbuta ma' politika reġjonali, l-għajjnuna għal proġett trid tkun regolata biss mill-Artikolu 3 (ara wkoll l-Emenda 13).*

### Emenda 17 Artikolu 5, paragrafu 4

4. L-awtorità amministrattiva ta' kull programm operattiv għandha tinkuraġġixxi parteċipazzjoni xierqa u aċċess lil organizzazzjonijiet mhux governattivi għall-attivitajiet ifffinanzjati, l-aktar fl-oqsma ta' l-inklużjoni soċjali u ta' l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.

4. L-awtorità amministrattiva ta' kull programm operattiv għandha tinkuraġġixxi parteċipazzjoni xierqa **minn** organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-aktar fl-oqsma ta' l-inklużjoni soċjali, **tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni** u ta' l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa **fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament**.

**Organizzazzjonijiet mhux governattivi bħal dawn għandhom ikunu ssupportjati mill-FSE biex jiżdiedu l-kapaċità, in-'networking' u miżuri ġenerali ta' taħriġ li jiffaċilitaw is-sehem tagħhom fil-'partnership'.**

## Ġustifikazzjoni

*Ara l-ġustifikazzjoni lill-Emenda 16.*

### Emenda 18 Artikolu 5, paragrafu 5 a (ġdid)

**5a. Għal taqsimiet mill-programmi għal miżuri innovattivi skond l-Artikolu 3(3), jista' jitwaqqaf fond għal aktivitajiet żgħar, li fihom jipparteċipaw operatori lokali, li jista' jkun provdut permezz ta' perċentwal limitat ta' l-iffinanzjar tal-programmi. Attivitajiet żgħar ikunu aktivitajiet li ma jaqbżux it-300 000 Euro.**

## Ġustifikazzjoni

*Isir riferiment għal proċedura stabbilita skond l-Artikolu 43 tar-Reolament Interreg (ĠU C 143, 23.5.2000, p. 8) li hu mfassal biex inaqqas ir-'red tape' fil-każ ta' miżuri innovattivi.*

Emenda 19  
Artikolu 6, titolu

**Ugwaljanza** bejn is-sessi

**Definizzjoni tal-baġits** skond il-perspettiva  
tas-sess

*Ġustifikazzjoni*

*Hawnhekk il-kumitat responsabbli milli jirrapporta fuq il-fondi strutturali qed japplika r-riżoluzzjoni tal-Parlament (P5\_TA(2003)0323), paragrafi 14 u 20.*

Emenda 20  
Artikolu 6

L-Istati Membri u l-awtoritajiet amministrattivi għandhom jiżguraw li l-programmi operattivi jkunu jinkludu **deskrizzjoni fuq kif** l-ugwaljanza bejn is-sessi tiġi promossa fl-ipprogrammar, fl-implimentazzjoni u fil-kontroll, inkluż kull indikatur speċifiku, u fl-evalwazzjoni.

L-Istati Membri u l-awtoritajiet amministrattivi għandhom jiżguraw li l-programmi operattivi jkunu jinkludu **analisi tal-konsegwenzi speċifiċi tas-sessi u li l-allokazzjoni tal-fondi tkun taqdi b'mod xieraq il-ħtiġijiet varji u tissodisfa t-tamiet ta' l-irġiel u n-nisa**, u li l-ugwaljanza bejn is-sessi tiġi promossa fl-ipprogrammar, fl-implimentazzjoni u fl-immoniterjar, inkluż kull indikatur speċifiku, u fl-evalwazzjoni

*Ġustifikazzjoni*

*Hawnhekk il-kumitat responsabbli milli jirrapporta fuq il-fondi strutturali qed japplika r-riżoluzzjoni tal-Parlament (P5\_TA(2003)0323), paragrafi 8, 14 u 20.*

Emenda 21  
Artikolu 7

Fil-qafas ta' kull programm operattiv, Stati Membri u awtoritajiet amministrattivi għandhom jagħtu attenzjoni partikulari lill-promozzjoni u l-'mainstreaming' ta' attivitajiet innovattivi. Wara konsultazzjoni mal-Kumitat għall-Kontroll imsemmi fl-Artikolu 47 (KE) Nru [...] [li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni], l-awtorità amministrattiva għandha tagħżel it-temi għall-iffinanzjar ta' l-innovazzjoni u għandha

Fil-qafas ta' kull programm operattiv, Stati Membri u awtoritajiet amministrattivi għandhom jagħtu attenzjoni partikulari lill-promozzjoni u l-'mainstreaming' ta' attivitajiet innovattivi. Wara konsultazzjoni mal-Kumitat għall-Kontroll imsemmi fl-Artikolu 47 (KE) Nru [...] [li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni], l-awtorità amministrattiva għandha tagħżel it-temi għall-iffinanzjar ta' l-innovazzjoni u għandha

tiddefinixxi l-modalitajiet xierqa għall-implimentazzjoni.

tiddefinixxi l-modalitajiet xierqa għall-implimentazzjoni. **Attivitajiet innovattivi għandhom jiġu allokati mill-inqas 1% tas-sehem tal-programm operattiv. Għal dawn l-attivitajiet is-sehem ta' l-UE għall-kofinanzjament għandu jitle' għal mill-inqas 85%.**

#### *Ġustifikazzjoni*

*Ara l-ġustifikazzjonijiet għall-Emendi 14 u 4.*

#### Emenda 22 Artikolu 8, paragrafu 1

1. L-Istati Membri u l-awtoritajiet amministrattivi għandhom jiżguraw li l-ipprogrammar ta' attivitajiet ta' kopreazzjoni **trans-nazzjonali** u inter-reġjonali jieħdu l-forma ta' ċentru ta' prijorità speċifiku fi ħdan programm operattiv speċifiku.

1. L-Istati Membri u l-awtoritajiet amministrattivi **jistgħu jwaqqfu** ċentru ta' prijorità speċifiku fi ħdan programm operattiv speċifiku **meta jipprogrammaw attivitajiet ta' koperazzjoni trans-nazzjonali u inter-reġjonali. Għal dawn l-attivitajiet is-sehem ta' l-FSE għandu jogħla għal 85%, il-miżuri ta' koordinazzjoni fil-qafas tal-koperazzjoni trans-nazzjonali u inter-reġjonali għandhom ikunu mija fil-mija ffinanzjati mill-FSE.**

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-għan għalfejn qed tiddaħħal il-kelma 'jistgħu' hu biex ikun hemm aktar flessibilità. Ara l-ġustifikazzjoni ta' l-Emenda 4.*

#### Emenda 23 Artikolu 9

Il-Kummissjoni se tippromwovi b'mod partikulari skambji ta' esperjenzi, attivitajiet li jqajmu kuxjenza, seminars, 'networking' u 'peer reviews' biex tidentifika u tferrex prattiki tajbin u biex tinkuraġġixxi t-tagħlim reċiproku bil-għan li tisserdaq id-dimensjoni tal-politika u l-kontribuzzjoni ta' l-FSE favur l-oġġettivi tal-Komunità fir-rigward ta' l-impjiegi u l-inklużjoni soċjali.

Il-Kummissjoni se tippromwovi b'mod partikulari **l-iżvilupp ta' fora u l-ħolqien ta' patti territorjali dwar l-impjiegi meta tkun qed tipprepara l-ippjanar ta' l-ipprogrammar**, skambji ta' esperjenzi, attivitajiet li jqajmu kuxjenza, seminars, 'networking' u 'peer reviews' biex tidentifika u tferrex prattiki tajbin u biex tinkuraġġixxi t-tagħlim reċiproku bil-għan li tisserdaq id-dimensjoni tal-politika u l-kontribuzzjoni ta'

I-FSE favur l-objettivi tal-Komunità fir-rigward ta' l-impjiegi u l-inklużjoni soċjali.

*Ġustifikazzjoni*

*Dawn il-fora u l-patti dwar impjiegi huma strumenti importanti għall-ippjanar sistematiku ta' l-effetti sinerġiċi ta' l-interventi ta' fondi strutturali.*

Emenda 24  
Artikolu 10, titolu

Rapporti *annwali* u finali

Rapporti *intermedji* u finali

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rapporti annwali huma strument burokratiku li hu wkoll meqjus bħala mhux adattat biex jivverifika l-progress.*

Emenda 25  
Artikolu 10, introduzzjoni

Ir-rapporti ta' implimentazzjoni *annwali* u finali msemmija fl-**Artikolu 49** tar-**Regolament** (KE) Nru [...] [li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali u l-fond ta' Koeżjoni], għandhom jinkludu *sintesi* ta' l-implimentazzjoni ta':

Ir-rapporti *intermedji* u finali ta' implimentazzjoni msemmija fl-**Artikolu 66** tar-**Regolament** (KE) Nru [...] [li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali u l-fond ta' Koeżjoni], għandhom jinkludu **sommarju u evalwazzjoni** ta' l-implimentazzjoni ta':

*Ġustifikazzjoni*

*Ara l-ġustifikazzjoni ta' l-Emenda 24.*

Emenda 26  
Artikolu 10, ittra (c a) (ġdid)

**(ca) azzjoni biex tissaħħaħ l-inklużjoni soċjali u jittejjeb l-aċċess għall-impjeg ta' gruppi oħra ta' persuni żvantaġġjati,**

Emenda 27  
Artikolu 11, paragrafu 2, introduzzjoni

2. Dan l-infiq ma jikkwalifikax għall-  
għajnuna ta' l-FSE:

*(Ma jaffettwax il-verżjoni bl-Ingliż.)*

*Ġustifikazzjoni*

*(Ma jaffettwax il-verżjoni bl-Ingliż.)*